MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 51/2008

Il-Pulizija

(Spettur Frank Anthony Tabone)

Vs

FRANCIS XAVIER MICALLEF ta’ 49 sena bin Emanuel u Margaret nee’ Micallef, imwieled ir-Rabat (Ghawdex) nhar il-11 ta’ Awissu 1961, residenti fil-fond ‘Farmhouse’, Triq l-Imgarr, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 36461(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Francis Xavier Micallef li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar it-13 ta’ Lulju 2008 ghal habta ta’ nofsinhar (1200hrs) fl-inhawi ta’ Triq l-Imgarr, Rabat, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex:

1) Talli: uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga b'tali mod li rnexxielu jasal fil-hsieb tieghu u dan ghad-detriment ta' Mark Vassallo u Christian Vassallo;
2) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u dan ghad-detriment ta' Mark Vassallo u Christian Vassallo;
3) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u cioe' senter ta' l-ghamla PRIOR bin-numru 78490;
4) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar arma regolari ta' l-ghamla PRIOR bin-numru 78490 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
6) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Mark Vassallo u Christian Vassallo sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni;
7) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Mark Vassallo u Christian Vassallo jew jekk kienu ipprovakati, ingurjhom b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
8) U talli: fl-istess data fl-Imgarr, Ghawdex, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan ghad-detriment ta' PC1170 Domenic Muscat u PC1120 Anthony Stellini;
9) U talli: fl-istess data fl-Imgarr, Ghawdex, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhalliehx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun

ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan ghad-detriment ta' PC 1170 Domenic Muscat u PC 1120 Anthony Stellini;

10) U talli: sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) u mill-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-07 ta' Awissu 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mismugha f'dawn il-proceduri irrizulta illi dana l-incident ghandu bhala sfond kwistjoni familjari li jidher illi ilha ghaddejja ghal xi zmien. Jidher illi bejn l-imputat u hutu kien inqala xi disgwid dwar il-wirt ta'ommhom, tant illi dawn ma baqghux jitkellmu. Rose Vassallo li tigi oht l-imputat u omm Mark u Christian Vassallo l-parti leza f'dina l-istanza, ma baqghtex tghix gewwa Ghawdex mal-familja taghha u ghalhekk kien inqata' l-kuntatt bejnha u bejn il-familja taghha. Jidher illi ghalkemm it-tifel taghha Mark kien spiss jitla' Ghawdex u jzur in-nannu tieghu, missier Rose, madanakollu t-tifel Christian kien ilu ma jara lil nannuh zmien twil. Fil-fatt it-tifel ighid illi qabel ma sehh dana l-incident l-ahhar li kien ra lil nannuh kien fil-precett u cioe' xi tlett snin qabel u kien rah ukoll f'xi okkazzjoni ohra. Kien ghalhekk illi fil-gurnata tat-13 ta' Lulju meta Mark iddecieda itella' lil huh iz-zghir mieghu Ghawdex, jidher illi n-nannu u cioe' Emanuel Micallef kien ferah meta ra lit-tifel iz-zghir wara hafna zmien. Huma ltaqghu man-nannu gewwa t-Tapai Bar ir-Rabat fejn in-nannu kien ihobb imur ta' sikwit ghat-te ma' shabu. Waqt li kienu hemm kemm

Mark kif ukoll Christian ighidu li osservaw lill-imputat ghaddej bil-vann tieghu u jhares lejhom. Iktar tard in-nannu qalilhom biex jinzlu mieghu sad-dar tieghu u cioe' sar-razzett imsejjah Ta' Bendu li jinsab gewwa Triq l-Imgarr. Christian nizel ma' nannuh fil-vann tieghu filwaqt illi Mark segwieh bil-karozza tieghu. Hekk kif wasslu hdejn il-farm u filwaqt li kienu ghadhom fil-vetturi, wasal fuq il-post zijuhom l-imputat flimkien mat-tifla tieghu Nathalie. Jidher illi hekk kif rahom huwa rrabja u shansitra tajjar platt tal-ikel li kellu f'idejh. Huwa beda ighajjat u jistaqsi lil Mark ghalfejn kienu marru hemmhekk, dahal jigri gewwa d-dar u minn hemm hareg arma tan-nar. Ghalkemm Christian u Mark it-tnejn isostnu illi l-imputat ken qed jipponta dina l-arma tan-nar lejn Mark, l-imputat fl-istqarrija tieghu, missieru Emanuel Micallef u bintu Nathalie Micallef ighidu illi dina zammha ppuntata lejn l-arja u fl-ebda hin ma ppuntaha fid-direzzjoni tal-ahwa Vassallo. Il-Qorti madanakollu ghandha dubbju kemm dana huwa minnu stante illi kemm Natahlie Vassallo stess jidher illi marret tigri fuq missierha biex tipprova tikkalmah hekk kif ratu bl-arma f'idejh, u anke Emmanuel Micallef, missier l-imputat ighid illi nizel mill-vann u mar fuq ibnu sabiex jikkalmah u jipprova jehodlu l-arma tan-nar minn idejh. Dana kollu jindika illi l-imputat kien irrabjat hafna u sahansitra beda jhedded lil Mark u jghidlu kliem fis-sens illi jekk ma jitlaqx kien ser joqtlu. L-imputat tant kien irrabjat ghal Vassallo illi sahansitra nizel imbaghad ix-Xatt tal-Imgarr sabiex jaccerta ruhu illi l-ahwa kienu telqu lura lejn Malta.

Illi hekk kif Mark u Christian waslu l-Imgarr marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija tax-Xatt. Huma qalu lill-pulizija illi l-imputat kien qieghed isegwiehom u fil-fatt il-kuntistabbli Stellini li kien qieghed xoghol gewwa l-Ghassa talab l-assistenza tal-kuntistabbli Muscat li kien qieghed l-Imgarr. Muscat fil-fatt baqa' ghassa barra u hekk kif ra lill-imputat niezel bil-vettura tieghu qallu biex jieqaf, izda l-imputat ma riedx ghax qallu li ried imur jiekol, izda hekk kif induna li kien hemm il-vettura ta' Vassallo ipparkeggjata hdejn l-Ghassa, huwa nizel minn gol-vann u beda jghajjat il-kliem "noqtlu, noqtlu". L-imputat f'dana l-mument rega' beda jirrabja u jeccita ruhu u beda jaghti s-salt sabiex

jidhol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fejn kien hemm l-ahwa Vassallo, izda l-pulizija bdew jipprovaw irazznuh. F'hin minnhom izda, sgiccalhom u l-kuntistabbli Muscat spicca waqa' fl-art. Hekk kif kien ser jidhol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija jidher illi rnexxielu irazznu l-kuntistabbli Stellini, izda l-imputat baqa jirrezisti. Jidher illi l-imputat kien eccitat u beda jaghmel hafna storbju u f'xi hin jidher illi bir-rabbja anke neza' l-flokk li kien liebes. Sadanittant l-ahwa Vassallo issakkru gewwa kamra li kien hemm fl-Ghassa tal-Pulizija ghaliex kienu mwerwrin. Wara dan jidher illi wasslu fuq il-post ufficjali ohra tal-pulizija li arrestaw lill-imputat u haduh lejn l-Ghassa tar-Rabat.

Illi mit-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta illi d-difiza mhix qed tikkontesta l-fatti ta' dana l-kaz, izda qed tissolleva l-iskuzanti tal-provokazzjoni ghall-agir tal-imputat. Illi l-ligi titkellem dwar il-provokazzjoni fl-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Illi s-subtitolu tal-Kodici li jitkellem dwar dina l-iskuzanti huwa intestat: "Fuq l-Iskuzi tad-Delitti imsemmijin taht is-Sub Titoli ta' Qabel ta' Dan it-Titolu". Hawnhekk ghalhekk qed issir referenza specifika ghad-delitti tal-Omicidju u tal-Offiza Volontarja fuq il-persuna. Il-ligi mbaghad terga' taghmel referenza ghal dina l-iskuzanti meta titkellem fuq ir-reat tal-Hsara Volontarja fl-artikolu 325 tal-Kapitolu 9. Illi jirrizulta mill-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat illi l-ebda wahda mid-delitti hawn fuq indikati ma huma qed jigu addebitati lill-imputat. Kwindi jsegwi illi l-imputat ma jistax jissolleva dina d-difiza u jinheba wara l-iskuza tal-provokazzjoni. Illi fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax illi l-imputat kien qed jigi pprovokat mill-ahwa Vassallo li jidher illi l-uniku haga li ghamlu kien illi xtaqu jzuru lin-nannu taghhom u xejn izjed. Inqas u inqas jista' jghid l-imputat illi kien qed jigi pprovokat meta Mark u Christian Vassallo kienu qed ifittxu l-kenn gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr mill-imgieba aggressiva tieghu. Illi ghalhekk dina l-linja difenzjonali ser tigi skartata.

Illi l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat huma dawk tal-vjolenza kontra l-privat u tar-reat tal-fastidju jew 'l hekk imsejjah *harassment*. Illi l-artikolu 251(1) tal-Kapitolu

9 li jitkellem dwar il-vjolenza privata jiddisponi illi; “Kull min juza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli issir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, jehel meta jinsab hati ….” Imbaghad jekk b’dana t-theddid il-hati jirnexxielu fil-hsieb tieghu allura l-piena tizdied. Illi ghalhekk l-elementi li jsawwru dana r-reat huwa l-vjolenza li qed tintuza bhala forma ta’ theddida kontra persuna sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga, jew ihalli li jsir xi haga, jew sabiex igieghlu jonqos milli jaghmel xi haga.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imgieba tal-imputat kienet tammonta certament ghal theddid, theddid fil-konfront ta’ Mark u Christian Vassallo. Fil-fatt minn kliem l-imputat stess jirrizulta illi huwa kien qieghed ihedded lil Mark Vassallo bil-mewt jekk huwa ma jitlaqx minn hdejn ir-residenza ta’ missieru Emanuel Micallef. Dina t-theddida izda ma kenitx wahda verbali biss izda kienet ukoll wahda karatterizzata b’azzjoni fis-sens illi l-imputat qabad arma tan-nar u hedded lil Vassallo biha. Dina l-azzjoni fiha nnifisha ma tammontax ghal vjolenza fizika fis-sens illi l-imputat fl-ebda hin ma uza xi forma ta’ vjolenza fuq Mark u Christian Vassallo, izda huwa hedded lil Mark Vassallo fis-sens illi qallu illi jekk huwa ma jitlaqx minn fuq il-post kien ser joqtlu. Illi ghalhekk ghalkemm dina l-imgieba tammonta ghal theddid, certament ma tistax tammonta ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 izda tista semmai tinkwadra ruhha biss taht id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu dwar it-theddid.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-hekk imsejjah “harassement” bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim’Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta’ dak li jikkostitwixxi l-*harassement* taht dina d-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma “imgieba” fit-test tal-ligi timplika “a course of conduct” u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta’ incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat

kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrjenti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-

imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi l-ligi ghalhekk titkellem dwar *a course of conduct* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dana r-reat ma jistax jissussisti jekk dan ikun xi incident izolat. Izda l-Qorti f'dana l-kaz hija tal-fehma illi l-imgieba tal-imputat f'dana l-kaz tammonta ghal "a course of conduct". Dana qed jinghad ghaliex ghalkemm dana l-incident sehh f'gurnata wahda madanakollu l-imgieba tal-imputat tista' tinqasam f'zewg okkazzjonijiet separati. Illi l-ewwel incident ta' aggressjoni u theddid sehh hdejn ir-razzett ta' Bendu fi Triq l-Imgarr. Hawnhekk l-imputat hedded lill-ahwa Vassallo u bezzaghhom bl-imgieba tieghu. Dina ma waqqfitx hawn, izda regghet ireppetiet ruhha ftit wara, meta l-imputat nizel ix-Xatt tal-Imgarr sabiex isegwi lil Vassallo u jaccerta ruhu illi dawn kienu telqu. L-imgieba tal-imputat sahansitra hdejn l-Ghassa tal-Pulizija kienet wahda aggressiva ghall-ahhar tant illi l-ahwa Vassallo hassuhom mhedda u mbezza' sal-punt illi wara li l-imputat gie arrestat huma lanqas riedu jitilghu wahedhom l-Ghassa tar-Rabat, izda telghu biss meta gew akkumpanjati mill-ufficjali tal-pulizija. Dana l-episodju, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Roberta Attard, jidher illi kellu effetti psikologici fuq ic-ckejken Christian tant illi huwa baqa' jibza' specjalment meta jsib ruhu wahdu u kemm Mark kif ukoll Christian Vassallo baqghu jibzghu illi l-imputat kien ser jigi jsibhom u jisparalhom. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi t-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat jinkwadraw ruhhom f'dak dispost fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta ill l-imputat ma ghandux licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar. Fil-fatt l-arma li ntuzat mill-imputat hija illicenjzata fuq isem missieru Emanuel Micallef. Ghaldaqstant kemm it-tielet kif ukoll ir-raba akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-hames akkuza billi ma hemmx dubbju illi l-imputat kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju mhux biss fl-ewwel incident li sehh fi Triq l-Imgarr, Rabat, izda ukoll aktar tard vicin l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr.

Illi ghar-rigward tas-sitt u seba akkuzi dawn huma komprizi u involuti u dana billi kif diga nghad ma hemmx dubbju illi l-imputat hedded lil Mark u Christian Vassallo u anke pprova jhebb ghalihom meta huma kienu qeghdin gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr u kellu jigi mizmum minn diversi ufficjali tal-pulizija sabiex ma jkomplix fl-intenzjoni tieghu.

Illi t-tmien u d-disgha akkuzi jirreferu ghar-resistenza li saret mill-imputat fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija. Illi l-ewwel akkuza tirreferi ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi d-disgha akkuza tirreferi ghal kontravvenzjoni ikkontemplata fl-artikolu 338(ee).

Illi l-artikolu 96 jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun

necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.
2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".
3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Illi f'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:
"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" …, izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi mill-fattispecje ta' dana l-kaz ma jirrizultax illi l-imputat jista' jinstab hati illi ikkometta dana r-reat. L-imputat fl-ebda hin ma attakka jew hebb ghal xi ufficjali tal-pulizija. Jidher illi l-imputat ried b'sahha jidhol gewwa l-Ghassa tal-Pulizija peress illi hemm gew kien hemm l-ahwa Vassallo. Dina kienet l-intenzjoni tieghu. Huwa ma kellu l-ebda intenzjoni jaggredixxi lil xi ufficjal tal-pulizija u fl-ebda hin ma hebb ghalihom jew uza xi vjolenza fil-konfront taghhom u dana sabiex izommhom milli jaghmlu dmirhom. Izda certament illi bl-imgieba tieghu l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu qed jigu moghtija lilu mill-ufficjali tal-pulizija PC 1170 Domenic Muscat u PC 1120 Anthony Stellini tant illi huwa beda ifixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Ghaldaqstant l-imputat certament huwa hati tal-kontravenzjoni ikkontemplata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

Illi finalment dwar l-akkuza tar-recidiva ghandu jinghad illi z-zewg sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni jirrisalu ghal reati li dwarhom l-imputat kien gie misjub hati fis-snin 1987 u 2003 u kwindi tista' tinstab htija biss ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ewwel u qabel kollox il-fatt illi dana l-kaz ghandu bhala sfond disgwid familjari. Jidher illi hawnhekk hawn familja mkissra minhabba kwistjonijiet patrimonjali. F'dana d-disgwid sfortunatament spiccaw vittmi, zewgt itfal li huma ghal kollox estranji ghal dawn l-interessi patrimonjali. Illi l-Qorti titratta dawn it-tip ta' kawzi b'dieqa kbira u dana peress illi ghalkemm trid tghaddi bil-fors biex tinfliggi piena fuq dak li ma gharafx irazzan ir-rabbja tieghu u ghalhekk jaghzel it-triq tal-vjolenza sabiex minghalih isolvi dina l-problema, xorta wahda b'daqshekk l-ebda parti ma tkun rebhet jew tilfet u b'hekk ma tkun giet rizolta l-ebda problema. Il-Qorti madanakollu tosserva illi l-imputat ma jafx irazzan u jikkontrolla l-emozzjonijet tieghu ghaliex anke sahansitra quddiem il-Qorti huwa ma gharafx irazzan kliemu u jgib ruhu bil-galbu. Il-Qorti ghalhekk necessarjament trid tara illi toffri l-protezzjoni kollha mehtiega lill-vittmi ta' dan ir-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 49, 338(dd), 338(ee), 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1), 51(2) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tmien akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-hrug ta' Ordni

ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Mark u Christian Vassallo u dana ghal zmien sentejn mil-lum, b’dana illi l-imputat ma ghandu bl-ebda mod javvicina jew ikellem lill-ahwa Vassallo jew jersaq vicin ir-residenza taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------